MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 197/2010

**A B**

**-vs-**

**C B; u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B fejn dan, wara li ppremetta:

Illi l-kontendenti konjugi B zzewgu nhar is-7 ta’ Settembru 2005;

Illi nhar l-24 ta’ Novembru 2005, u cioe’ ftit aktar minn xahrejn wara dan iz-zwieg imsemmi, twieldet il-minuri D B;

Illi fl-att tat-twelid tal-minuri D B, liema att huwa datat it-28 ta' Novembru 2005 u ghandu numru ta' iskrizzjoni '3822', ir-rikorrenti huwa mnizzel bhala l-missier naturali tal-minuri (ara dokument anness u mmarkat bhala 'Dok. A');

Illi z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment u dan ghal ragunijiet imputabbli lill-intimata C B u fil-fatt inbdew proceduri ta' separazzjoni permezz tal-medjazzjoni li ghandha twassal ghal separazzjoni bonarja fil-jiem li gejjin;

Illi r-rikorrenti dejjem tratta lill-minuri D B bhala bintu u anke fit-tul taz-zmien kemm il-kontendenti ilhom de facto separati, hu baqa' jezercita l-access tieghu billi jzomm il-minuri mieghu d-dar kull tmiem il-gimgha;

Illi, pero', f'dawn l-ahhar xhur, ir-rikorrenti gieh suspett illi l-minuri setghet ma kinitx l-wild naturali tieghu u dan wara li hareg fil-berah li l-intimata martu setghet kellha xi relazzjonijiet sesswali barra z-zwieg;

Illi ghaldaqstant, ir-rikorrenti ghamel DNA Paternity Test u fil-25 ta' Frar 2010, ir-rikorrenti inghata r-rizultat tal-imsemmi test mis-socjeta' MLSBioDNA Limited, fejn gie kkonfermat li l-minuri D B ma kinitx il-wild naturali tieghu (ara dokument anness u mmarkat bhala 'Dok. B');

Illi stante li kien ghadda t-terminu ta' sitt xhur mit-twelid tal-minuri ai termini tal-Artikolu 73(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rikorrenti talab permess lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex jipprocedi b'din il-kawza ai termini tal-istess artikolu imsemmi;

Illi permezz ta' digriet datat il-21 ta' April 2010, din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti sabiex tigi pprezentata l-kawza de quo (ara dokument anness u mmarkat bhala 'Dok. C');

Illi r-rikorrenti jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmija minuri D B ma hijiex wild naturali tieghu b'mod li ghalhekk hemm lok ghall-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-imsemmija minuri f'dan is-sens;

Tordna ghalhekk il-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-imsemmija minuri D B, liema att igib in-numru progressiv '3822' billi jigu kkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid, il-konnotati kollha tar-rikorrenti A B u l-istess jigu sostitwiti b'dak it-taghrif illi jigi ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat id-digriet tad-9 ta' Awissu 2010 li permezz tieghu gew nominati Dr. Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno bhala kuraturi biex jirraprezentaw lill-minuri D B.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn dan eccepixxa:

Illi preliminarjament trattasi minn kawza ta' *denegata paternita'*, ir-rikorrenti jehtieglu jipprova u jissodisfa talanqas wahda mic-cirkostanzi komminati fl-Artikolu 70 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi salv il-premess, mill-bqija ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, l-esponent m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

Illi subordinatament f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, il-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem A B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 3822 tas-sena 2005. Fuq l-istess linji ghandhom ukoll jigu

mhassra l-kliem '*the father*' mir-ringiela fejn hemm indikat min ghamel id-dikjarazzjoni;

Illi finalment, dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggjettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi li eccepew:

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Rat in-nota tal-konvenuta C B li permezz taghha ammettiet it-talbiet kif premessi izda zammet ferm fuq il-kap tal-ispejjez.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li l-minuri D li twieldet lil martu waqt iz-zwieg, m'hijiex fil-fatt bintu. Qed jitlob lill-Qorti tordna ukoll il-bidla relattiva fic-certifikat tat-twelid.

Ir-rikorrenti rnexxielu jipprova bla ebda dubju li fil-fatt dak li qed isostni huwa minnu. Dan sar principalment permezz tar-rizultanzi tal-ezamijiet xjentifici esegwiti mill-esperti li jikkonkludu li A B m'huwiex fil-fatt missier il-minuri.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara li A B m’huwiex missier naturali tal-minuri D li twieldet fl-24 ta’ Novembru 2005;

Tilqa’ t-tieni talba, fis-sens illi tordna li fl-Att tat-Twelid Nru. 3822 tas-sena 2005, mill-kolonna bid-dettalji ta’ missier it-tarbija ghandha tithassar kull referenza ghal A B u jitnizzlu minflok il-kliem “missier mhux maghruf”. Mill-kolonna bid-dettalji dwar l-omm ghandhom jithassru l-kliem “*the said*”.

L-ispejjez kollha jithallsu minn C B.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------